**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 30 - IT-TLIETA 25 TA' APRIL 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:38.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-19:43) |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-19:45) |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Kien hemm persuna waħda preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar para. 1.13 minħabba li kellu l-impressjoni li l-qbil ma kienx unanimu. Il-Viċi-Sindku wieġeb li d-deċiżjoni kienet unanima.

1.3. Il-Kunsillier Sammut ressaq emenda biex jiżdied para. wara 1.2 li jgħid: *"Il-Kunsillier Sammut, f'dan il-ħin esprima d-dispjaċir tiegħu li anki fil-każ tal-organizzazzjoni taż-Zumba l-Kunsillier Galea naqas milli javża lill-Kunsill bil-ħsibijiet tiegħu li jorganizza sessjonijiet taż-Zumba huwa personalment. Din setgħet ġiet interpretata bħala kompetizzjoni mal-għaqdiet."*

1.4. Filwaqt li l-Kunsill qabel ma' din l-emenda, qablu wkoll li ikompli miegħu għandhom jiddaħħlu: *" Il-Kunsillier Galea wieġeb li kien iddiskuta minn qabel mal-arċipriet iżda qabel li, għal darba oħra jinforma lill-Kunsill biha."*

1.5. Il-minuti imbagħad kienu approvati, kif emendati, u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

1.6. Fuq proposta tal-Kunsillier Brincat il-Kunsill qabel li jiddiskuti mill-ewwel is-suġġett numru 9 fuq l-aġenda dwar il-Pjazza ta' Baħar iċ-Ċagħaq minħabba li s-Sinj. Cuomo kellha bżonn titlaq kmieni.

**2. L-INVOLVIMENT TAL-KUNSILL FIL-PROĠETT TAL-PJAZZA TA' BIĊ**

2.1. Is-SE qara email bid-data tas-26 ta' April mill-MRRA fejn kien qiegħed jiġi mitlub li l-Kunsill jiffinanzja l-apparat tal-bandli, smat li jiswa madwar €34,000, biex ix-xogħol fuq il-Pjazza jkun jista' jibda f'Ġunju 2011 mill-istess Ministeru. Apparti l-apparat, l-ispejjeż kollha ta' kostruzzjoni se jsiru mill-MRRA.

2.2. Il-Kunsill qabel li, sakemm il-figura tinżamm ma' dik kwotata, ċoè €34,000, il-Kunsill għandu jikkontribwixxi iżda possibilment il-Kunsill għandu jkun involut fit-teħid tad-deċiżjoni.

2.3. Sadanittant is-Sinj. Cuomo infurmat li l-Kumitat Amministrattiv ikun jista' jipprovdi parti minn din is-somma mill-allokazzjoni tiegħu.

2.4. Hawnhekk is-Sinj. Cuomo rringrazzjat lill-Kunsill f'isem il-komunità u l-Kumitat Amministrattiv ta' BIĊ talli għoġbu jaċċetta li jgħin f'dan il-proġett. Hija rringrazzjat ukoll lill-Ministru Pullicino tal-għajnuna biex din il-Pjazza tista' ssir.

2.5. Hawnhekk is-Sinj. Cuomo skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien it-8:05pm.

**3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' Wasteserv dwar is-sitwazzjoni fil-Magħtab, aktar kmieni dik il-ġimgħa. Hija infurmat li kienu aċċettaw li jagħmlu rikostruzzjoni ta' numru ta' toroq u għaldaqstant talbu lill-Kunsill biex jipprovdihom b'lista ta' prijoritajiet. Hija infurmat ukoll li kienu ssuġġerew li titpoġġa CCTV minħabba t-trakkijiet li jgħaddu. Il-Kunsillier Sammut informa li kien se jieħu ħsieb jgħaddilhom numru ta' ritratti dwar is-sitwazzjoni tat-toroq kif ukoll dwar in-nuqqas ta' tindif li qed ikun hemm fil-Magħtab. Il-Kunsill qabel li jkun aħjar li kieku l-Wasteserv taċċetta li tgħaddi somma ta' flus għat-tindif u l-manutenzjoni tat-toroq biex tiġi mmaniġġjata mill-istess Kunsill. Is-SE fakkar li l-Kunsill għandu jiffoka biex ilesti lista ta' prijoritajiet. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħżel Triq Santa Marija, Triq tat-Tarġa u Trejqet il-Kampanjol. Is-Sindku talbet li għandha tingħata prijorità Triq tat-Tarġa u d-daħla lejn Triq Santa Marija fejn kien hemm il-fabbrika Tal-Pilastri. Il-Kunsillier Gatt ippropona li l-Kunsill għandu aktar jipproponilhom toroq twal u ż-żgħar iħallhom f'idejn il-Kunsill.

3.2. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Wasteserv kienu se jibdew jiġbru d-demel ta' Malta kollu biex jinħadem u partijiet minnu jibda jiġġenera l-elettriku. Hija infurmat li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Wasteserv biex ikun hemm moniteraġġ minħabba li dan kien se jiġġenera ammont kbir ta' CO.

3.3. Is-SE informa li l-Kunsill kien irċieva l-fondi mill-Fond tal-Ko-finanzjament għall-attivitajiet li għamel il-Kunsill għall-ġemellaġġ. Is-somma allokata hija ta' €1,620 iżda s'issa ngħata nofshom.

3.4. Is-Sindku infurmat li ma kellhiex ċans biex tikkordina ż-żjara ġo Reggio. Il-Kunsilliera Miceli uriet interess biex tgħin. Is-SE informa li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li jibgħat żewġ ħaddiema mill-uffiċċju, huwa kien lest li jieħu ħsieb ix-xogħol ta' kordinament mill-uffiċċju. Il-Kunsill approva.

3.5. Il-Kunsill waqaf temporanjament mil-laqgħa biex jisma' t-talba tas-Sur Alessandro Bajjada biex tiġi organizzata Astronomy Night nhar il-11 ta' Ġunju. Kien hemm qbil ma' din l-attività u għaldaqstant se jsir kordinament mal-Kunsill tal-Mosta biex tinġab l-approvazzjoni biex din l-attività tinżamm fil-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta. Jgħinnu f'din l-attività se jkun hemm ukoll is-Sur Alex Pace u s-Sur Leonard Ellul Mercer, it-tnejn esperti fil-qasam tal-astronomija. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Bajada għall-għajnuna tiegħu.

3.6. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien id-8:45pm.

3.7. Is-SE informa li l-Ministru Gatt kien għadu kif ħareġ stqarrija li se jiġu kostruwiti numru ta' toroq ġodda fil-lokalità tan-Naxxar min-naħa tal-Gvern Ċentrali. It-toroq kommessi, li uħud minnhom diġà kienu nbdew/tlestew huma: Triq il-Bajtar, Sqaq il-Laqx, Triq il-Latmija, Triq il-Mazza, Triq id-Dejma, Triq il-Forġa, Triq il-Ħannewija, Triq il-Konverżjoni, Triq San Mark, Triq San Timotju u Triq Sir William Jervois.

3.8. Il-Kunsillier Sammut semma' li dakinhar ukoll kien hemm artiklu fuq il-gazzetta *Times of Malta* fejn il-ġnien/*playing field* tan-Naxxar kien deher f'dawl tassew pożittiv, speċjalment meta mqabbel ma' ġonna/*playing fields* oħrajn f'lokalitajiet diversi ġo Malta.

3.9. Il-Kunsillier Sammut issuġġerixxa lill-Kunsill biex titpoġġa xi *billboard* fuq il-latrina bejn Vjal il-Labour u Vjal il-21 ta' Settembru minħabba li huwa post tassew strateġiku. Huwa semma' li din setgħet tkun mezz ta' dħul finanzjarju għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment kif ukoll mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku li l-Kunsill jikkomunika ma' Media Trendz biex jieħdu ħsieb isibu r-riklami huma. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Gatt kien hemm qbil ukoll li Media Trendz jiġi offrut ukoll il-possibbiltà li jagħmel xi riklami madwar il-grawnd tal-futbol.

3.10. Il-Kunsillier Sammut informa li fil-laqgħa li jmiss kien se jippreżenta rapport dwar is-sitwazzjoni tal-korsijiet sportivi li kienu ġew organizzati matul is-sena li għaddiet u matul dawn il-ftit xhur tas-sena 2011. Huwa informa li dan kien tassew pożittiv għaliex il-Kunsill kien nefaq inqas milli antiċipa minħabba li kien hemm aktar parteċipazzjoni mir-residenti u għaldaqstant iġġenera aktar dħul. Barra minn dan, minħabba d-domanda qawwija mir-residenti, huwa kien irnexxielu wkoll jorganizza aktar korsijiet.

3.11. Hawnhekk is-SE informa li wara li kien għamel xi riċerki dwar is-sistemi tas-*sound* li jeżistu fil-preżent, huwa sab sistema li tiswa madwar €500 u li setgħet tintuża wkoll fuq barra waqt attivitajiet żgħar organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

3.12. Is-Sindku qablet mat-talba tal-Kunsillier Sammut biex tqassam ċertifikat lit-tfal li attendew il-kors tal-*After School Programme*. Kien hemm qbil ukoll li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-iskola u lis-Sur Mario Testa. Il-Kunsillier Sammut informa wkoll li kien għadu kif spiċċa l-kors tal-*Abseiling* u kellu *feedback* pożittiv ħafna dwaru. Huwa informa li l-Kunsill kien irnexxielu wkoll jibbilanċja b'mod pożittiv.

3.13. Fir-rigward ta' 1.41 mill-Minuti preċedenti, il-Kunsillier Sammut informa li l-proġett taż-żgħażagħ kien wasal fil-fażi tal-aħħar. L-għada, l-Erbgħa, kienet se tinżamm ukoll il-laqgħa mal-għaqdiet Naxxarin. Huwa informa li l-proġett kien jiffoka fuq saħħa u sports. Huma kienu qed jissuġġerixxu li jsiru numru ta' diskussjonijiet u jitpoġġew xi stalls tal-ikel. Parti mill-proġett jinkludi wkoll produzzjoni ta' filmat dwar is-saħħa u l-isports u kien se jitqassam madwar in-Naxxar kollu. Huwa informa li biex isir dan il-proġett, il-Kunsill kien qed jikkommetti ruħu li jiffinanzja 20% tal-proġett u mhux iżjed minn €2000 jekk il-proġett jintrebaħ. F'dan l-istadju l-Kunsill Lokali Żgħażagħ kien qiegħed jitlob li l-Kunsill jikkommetti ruħu għal dawn il-fondi biex issir l-attività anki jekk ma jirbaħx il-proġett.

3.14. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea dwar il-pubblikazzjoni tal-Kuntatt, is-SE ssuġġerixxa li dan is-suġġett jiġi diskuss waqt laqgħa oħra minħabba li ma kienx fuq l-aġenda. Il-Kunsill qabel.

3.15. Is-Sindku infurmat li fir-rigward ta' Triq V. Boron, minħabba dewmien mill-periti, kienet sabet perit li lest li jagħmel ix-xogħol tal-pjanti bi prezz nominali. Il-Kunsill qabel li tipproċedi miegħu.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' NOVEMBRU

4.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti.

4.2. Il-lista kienet approvata (annessa f'A). Din kienet tinkludi wkoll il-lista ta' dħul f'Marzu.

4.3. Għat-talba tas-SE sabiex jinxtraw siġġijiet ġodda minħabba f'żieda fl-istaff u studenti fl-uffiċċju amministrattiv, il-Kunsill qabel li jinxtraw tnejn għall-prezz ta' €69 + VAT mingħand CSD.

4.4. Is-SE preżenta wkoll lista tal-*Purchase Orders.* Din kienet approvata u annessa f'B.

4.5. Il-Kunsill qabel li jinxtara *portable white board* għall-użu tal-korsijiet tal-*LifeLong Learning*.

4.6. Il-Kunsillier Sammut informa li kien se jipprova jakkwista *interactive whiteboard* għall-użu tal-korsijiet mid-Dipartiment konċernat.

4.7. Is-SE informa li kien irċieva lista ta' spejjeż mingħand l-AgriCoop ta' xogħlijiet li saru fil-lokalità tan-Naxxar u li m'humiex fuq il-kuntratt. Is-SE informa li, għalkemm huwa minnu li x-xogħol imsemmi kollu sar, apparti t-tindif tal-funtata tal-Pjazza, li kien awtorizza t-tindif huwa minħabba l-Ġimgħa Mqaddsa, il-kumplament ma kinux ordnati bl-appovazzjoni tal-Kunsill iżda l-kuntrattur kien mexxa bix-xogħol immedjatament wara li kienu ġew sempliċiment diskussi miegħu u mal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li l-kuntrattur ma kienx qed jitlob ħlas għax-xogħol (*labour*) iżda għall-materjal (kompost, fjuri, eċċ) biss. Wara diskussjoni, kulħadd qabel li għandu jsir il-ħlas iżda li għandu jiġi avżat bil-miktub li fil-futur kull xogħol li jsir u li mhux inkluż fuq il-kuntratt għandu jiġi kkonfermat wara li jgħaddi kwotazzjoni għall-approvazzjoni. Is-SE informa wkoll li wara spezzjonijiet li jsiru minnu u l-Kunsilliera Muscat Fenech Adami, jidher li x-xogħol li qed isir minn dan il-kuntrattur huwa tajjeb u ta' ċertu livell u għaldaqstant jinsab sodisfatt bil-metodu kif qed jiprogressa.

4.8. Hawnhekk il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li l-attività tan-Nursery tal-Futbol li kellha ssir nhar it-8 ta' Mejju issa ġiet posposta għat-22 ta' Mejju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda talab lill-Kunsillier Galea jinfurmahom li għandhom jagħmlu l-permess meħtieġ.

## 5. KORSIJIET GĦAS-SAJF MINN TCTC

5.1. Is-SE informa li matul is-Sajf kien qed jiġi propost li jsiru numru ta' korsijiet *e-tfal* minn TCTC. Għal dawn kien qiegħed jintalab is-soltu ħlas ta' €1100. Il-Kunsill qabel.

## 6. SOTTOKUMITAT GĦAS-SGĦAJTAR

6.1. Il-Kunsillier Brincat informa li kien ġie avviċinat minn tliet persuni sabiex jiġi ffurmat sottokumitat għaż-żona tas-Sgħajtar. Huwa għalhekk li kien qiegħed iressaq il-mozzjoni għal dan.

6.2. Il-Kunsill qabel u għaldaqstant għandha tintbagħat ittra lir-residenti tas-Sgħajtar kollu biex jiġi vverifikat jekk hemmx oħrajn li huma interessati jkunu fuq dan is-sottokumitat. Kien hemm qbil ukoll li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Brincat għandhom ikunu fuq dan is-sottokumitat. Kien hemm qbil ukoll li m'għandux ikun hemm aktar minn ħames persuni fuq is-sottokumitat.

6.3. Il-Kunsillier Sammut staqsa jekk jistax jifforma sotto-kumitat biex jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-attivitajiet sportivi fil-lokalità. Il-Kunsill qabel iżda jkun irid japprova l-ismijiet.

6.4. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea, is-SE informa li sal-ġurnata ma kienx għad hemm risposta minn Transport Malta (TM) dwar it-talba tal-Kunsill biex Triq l-Ifran tiġi fuq

direzzjoni unika. Ir-raġuni hija minħabba l-kwistjoni li hemm fuq ħlas lil TM. Is-Sindku se terġa titkellem mal-avukat tal-Kunsill dwar din il-problema.

**7. L-IMPJIEG TA' ASSISTENT UFFIĊJAL PRINĊIPALI**

7.1. is-SE preżenta rapport dwar l-intervisti li saru biex jiġi impjegat Assistent Uffiċjal Prinċipali ġdid. Huwa informa li kien hemm qbil unanimu mill-bord li jintagħżel is-Sur John Attard Montalto. Dan seta' jibda jaħdem min-nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju.

7.2. Il-Kunsill qabel li jimpjega lis-Sur Attard Montalto.

7.3. Sadanittant is-SE informa li wieħed minn dawk li ġew intervistati kien bagħat ittra bl-avukat wara li hu kien staqsieh kemm għandu żmien waqt l-intervista miegħu. Kienet saret ukoll risposta mingħand l-avukat tal-Kunsill lill-avukat tal-kandidat.

**8. RENDIKONT FINANZJARJU**

8.1. Is-SE informa li l-proċess tal-finanzi kien għaddej ġmielu iżda għadu ma ġiex iffinalizzat għal kollox. Hawnhekk issejħet l-*accountant*, is-Sinj. Amanda Grima, biex tagħti rendikont fil-qasir.

8.2. Hija spjegat li fil-preżent qed isir xogħol biex tiġi magħluqa s-sena finanzjarja 2010. Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li probabbilment se jkun hemm pagamenti li saru fl-2009 iżda se jidhru li saru matul is-sena 2010. Hija spjegat li skont l-indikazzjonijiet li għandha jidher li l-Kunsill se jispiċċa s-sena b'bilanċ pożittiv. Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE informa li huwa kien avża lid-Dipartiment bil-problema tal-finanzi, anke minħabba l-fatt li l-Kunsill kien għadu ma preżentax kopja tar-Rapporti Finanzjarji.

**9. IL-KUNTRATT TAL-PERIT**

9.1. Is-SE irrefera għall-kuntratt tal-Perit li kien għadda lil kull Kunsillier b'mod diġitali aktar kmieni. Huwa staqsa jekk il-Kunsill xtaqx li l-lista tax-xogħlijiet f'Annex 4 tiġix inkluża. Il-Kunsill qabel ma' din il-lista ta' xogħlijiet.

9.2. Is-SE kompla li f'dan il-ħin kien prematur li wieħed jgħid eżatt kemm se jirrikjedi ħin dan is-servizz għaliex dan dejjem skont kemm is-servizz ikun tajjeb. Il-ħlas jista' jkun għal kull proġett u anki fuq bażi ta' servizzi ta' kuljum.

9.3. Fuq proposta tas-SE kien hemm qbil li s-SE jippreżenta l-proposta tiegħu ta' sistema ta' ħlas f'laqgħa oħra.

9.4. Il-Kunsillier Galea skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:35pm.

**10. TMIEM IL-LAQGĦA**

10.1. Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha is-SE fakkar lill-membri bl-attività tal-annimali (Pet Show) nhar il-Ħadd 15 ta' Mejju.

10.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju 2011 fis-7:30pm.

10.3. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-10:40pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

**Laqgħa tal-Kunsill Nru 30 - Nhar it-Tlieta, 27 ta' April 2011**

| Code | Invoice Date | Invoice No | Company | Description | Ammount | Chq No | Chq Date |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ADI | 01/02/2011 | 812 | ADI Associates | Planning Application Reviews - Jan 2011 | €47.84 | | |
| ADI | 31/03/2011 | 825 | ADI Associates | Planning Application Reviews - March 2011 | €71.76 | | |
| 0000 | 31/03/2011 | 15914/2316 | Agricultural Co-Operative Ltd | Works carried out during March 2011 | €3,740.60 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Air Malta plc | Deposit for Seats for Delegation to Mornago | €1,200.00 | 14332 | 40653 |
| 0000 | 12/04/2011 | | AllCare Insurance Brokers Ltd | Renewal of Council Insurance Policy | €2,065.66 | | |
| 0000 | 01/04/2011 | 21 | AMJ Legal | Retainer for Legal Services - March 2011 | €177.00 | | |
| ARCHWA | 01/03/2011 | 31440 | Archway Ironmongery | Various Hardware Items | €66.12 | | |
| ARCHWA | 23/02/2011 | 31414 | Archway Ironmongery | Various Hardware Items | €260.71 | | |
| B.GRIMA | 18/02/2011 | 2300 | B. Grima & Sons Ltd | Street Names & Brackets | €259.37 | | |
| B.GRIMA | 18/02/2011 | 2301 | B. Grima & Sons Ltd | Hiring of 40 New Jersey Barriers for 1 Day & refund of 5 Missing barriers | €477.90 | | |
| B.GRIMA | 18/02/2011 | 2302 | B. Grima & Sons Ltd | Various Street Signs & Brackets | €443.92 | | |
| 0000 | 28/03/2011 | n/a | Banif Bank | Transfer from BOV a/c no. 16308006020 to Banif Fixed a/c no. 17864020001 & 02 | €110,000.00 | 14236 | 40630 |
| 0000 | 28/03/2011 | n/a | Banif Bank | Transfer to current a/c no. 16308006017 | €150.00 | 14237 | 40630 |
| BITMAC | 18/02/2011 | 84137 | Bitmac Ltd | Instant Road Repair x76 | €322.85 | | |
| BITMAC | 12/04/2011 | 84833 | Bitmac Ltd | Bags instant road repair x95 | €403.56 | | |
| 0000 | 20/11/2009 | 5140 | Calypso Media Comm. Ltd | Xmas Village Adverts (Nov 09)- Order No. 4144 | €25.29 | | |
| CENTRA | 40634 | 40062 | Central Asphalt Ltd. | Concrete Slabs x2 | €14.75 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Charles Sant | Skip Services Dec 2010 & Jan 2011 | €100.00 | | |
| MIFSUD | 01/04/2011 | 878 | Charlie Mifsud | Beach Cleaning - March 2011 | €2,086.25 | | |
| MIFSUD | 01/04/2011 | 879 | Charlie Mifsud | Beach Cleaning - Extra Work - March 2011 | €769.64 | | |
| MIFSUD | 01/04/2011 | 877 | Charlie Mifsud | Weed Cutting - Non Urban - March 2011 | €1,814.13 | | |
| 0000 | 28/02/2011 | 85 | Christian Galea | Street Sweeping - Mar 2011 | €5,833.33 | | |
| CDA | 05/04/2011 | 2820 | COA Ink & Toner Recharging Ltd | Toners for Office Printers | €278.99 | | |
| | | | Council Staff | Salaries - February 2011 | €6,874.25 | | |
| | | | Council Staff | Salaries - March 2011 | €7,251.92 | | |
| 0000 | 06/04/2011 | n/a | Divine Mercy Church | Books - Via Crucis x10 | €200.00 | 14322 | 40638 |

A

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 0000 | 04/04/2011 | n/a | Dolmen Complex Ltd | Booking of Rooms for Bucharest Delegation | €376.00 | 14321 | 40638 |
| ECOPURE | 26/03/2011 | 483448 | Eco Pure | Delivery of Water | €14.94 | | |
| ECOPURE | 28/03/2011 | 483973 | Eco Pure | Delivery of Water | €18.68 | | |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Elizabeth Balghy | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14239 | 40632 |
| GROUP4 | 31/03/2011 | 2318 | G4S Security Services | CIT Services - Mar 2011 | €167.42 | | |
| GALEA | 30/03/2011 | 2409 | Galea Curmi Engineering Consultants | Contract Manager Fee - March 2011 | €272.54 | | |
| GEORGINA | n/a | n/a | Georgina Grima | Nursing Services - March 2011 | €609.03 | | |
| MALTACOM | 4/13/11 | 25547480 | GO plc | Telephony Services March 2011 | €185.04 | | |
| MALTACOM | 4/13/11 | 25547487 | GO plc | Telephony Services March 2011 | €179.15 | | |
| MALTACOM | 4/13/11 | 25547481 | GO plc | Telephony Services March 2011 | €17.67 | | |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Grace Bonavia | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14240 | 40632 |
| GRACECAM | 01/04/2011 | n/a | Grace Camilleri | Librarian Services - March 2011 | €128.92 | | |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Josette King | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14246 | 40632 |
| ATTJURGE | 31/03/2011 | n/a | Jurgen Attard | Handyman Services - March 2011 | €1,352.40 | 14319 | 40638 |
| ATTJURGE | 31/03/2011 | 1156674 | Jurgen Attard | Football Ground Guardian - March 2011 | €152.10 | | |
| 0000 | 28/03/2011 | 1306117 | Land Department | Rent for Football Ground & Public Conveniences | €232.94 | | |
| PARAMOUNT | 15/02/2011 | 23332 | Leo's Garage Paramount | Transport Services - Feb 2011 | €251.38 | | |
| PARAMOUNT | 31/03/2011 | 23471 | Leo's Garage Paramount | Transport Services - Mar 2011 | €135.00 | | |
| MAILBOX | 05/04/2011 | 474 | Mailbox Services Ltd | Distribution of leaflets | €386.11 | | |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | M'Anne Galea | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14247 | 40632 |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Margaret Cilia | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14238 | 40632 |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Margaret Desira | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14242 | 40632 |
| 0000 | 12/04/2011 | n/a | Margo's | Food for Romanian Delegation | €109.50 | 14325 | 40645 |
| | | | Mayor Remuneration | February 2011 | €795.50 | | |
| | | | Mayor Remuneration | March 2011 | €795.50 | | |
| MELITA | 4/1/11 | 30281818 | Melita plc | Telephony Services - Apr 2011 | €15.30 | | |
| MELITA | 4/1/11 | 30282348 | Melita plc | TV Services - Apr 2011 | €17.92 | | |
| GMTD | 08/04/2011 | 144 / 11 | Mifsud & Mifsud Advocates | Drafting of Nota ta' Sottomissjonijiet NLC vs Karkanja | €472.00 | | |
| MITA | 06/04/2011 | 24624 | MITA | Maintenance & Support of Wide Area Connectivity - Apr - Jun 2011 | €416.85 | | |
| NORTHERN | 31/03/2011 | 3 | Northern Cleaning Group Ltd | Refuse Collection - Mar 2011 | €6,786.33 | | |
| PRINTIT | 25/03/2011 | 5660 | PrintIT | Zumba Flyer x6000 | €153.30 | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PRINTIT | 08/04/2011 | 5686 | PrintIT | A5 Flyers x2 Qty 6000 | €260.40 | | |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Renata Alamango | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14244 | 40632 |
| | 30/04/2011 | 8 | Ricky Caruana | Cleaning of Council Premises - April 2011 | €450.45 | | |
| | 30/04/2011 | 7 | Ricky Caruana | Cleaning & Attendance of Public Conevniences - April 2011 | €850.00 | | |
| 0000 | n/a | n/a | Santa Marija tal-Angli | Use of Hall as per Contract | €1,000.00 | 14318 | 40637 |
| RUTLAND | 25/03/2011 | n/a | Steve Rutland | Filming & Editing - Carnival 2011 | €141.60 | | |
| 0000 | 12/04/2011 | n/a | Ta' Cassia | Food for Romanian Delegation | €262.00 | 14324 | 40645 |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Tania Spiteri | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14245 | 40632 |
| 0000 | 4/21/11 | 26317 | TCTC Ltd. | LearnIT Course | €1,100.00 | | |
| 0000 | 4/21/11 | 26318 | TCTC Ltd. | Distribution of LearnIT Leaflets | €210.00 | | |
| 0000 | 4/21/11 | 26335 | TCTC Ltd. | Distribution of LearnIT Leaflets - BIC | €15.35 | | |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Teresa Fedele | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14241 | 40632 |
| THELIGHT | 12/04/2011 | 942 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W293 | €20.90 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 933 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W305 | €37.50 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 932 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W330 | €18.81 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 934 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W096 | €6.28 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 935 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W192 | €6.97 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 939 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W297 | €24.78 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 937 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W191 | €6.62 | | |
| THELIGHT | 08/04/2011 | 940 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. T007 | €36.77 | | |
| THELIGHT | 12/04/2011 | 936 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W458 | €37.44 | | |
| THELIGHT | 12/04/2011 | 922 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W316 | €31.34 | | |
| THELIGHT | 13/04/2011 | 947 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. T009 | €39.42 | | |
| THELIGHT | 13/04/2011 | 948 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W067 | €19.24 | | |
| THELIGHT | 13/04/2011 | 943 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W295 | €31.97 | | |
| THELIGHT | 13/04/2011 | 944 | The Lighthouse Keepers | Repairs on Lamp No. W256 | €37.24 | | |
| VERITAS | 14/04/2011 | 19259 | Veritas Press | 7 Different Business Cards x500 each | €123.90 | | |
| MULA | 31/03/2011 | n/a | Victor Mula | Handyman Services - March 2011 | €1,293.69 | 14320 | 40638 |
| 0000 | 30/03/2011 | n/a | Vincent Desira | Refund for Line Dancing Course | €27.00 | 14243 | 40632 |
| | | | **TOTAL** | | **€165,310.03** | | |

| Dħul tal-Kunsill - Marzu 2011 | | |
|---|---|---|
| **Code** | **Description** | **Amount** |
| 0000 | others (please specify) | €132.81 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €342.20 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €1,490.76 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,740.00 |
| 0023 | Cultural activities | €114.00 |
| 0024 | Football ground hire | €112.00 |
| 0025 | Skip Permit | €60.32 |
| 0026 | Crane Permit | €355.27 |
| 0027 | Kiosk Permit | €46.60 |
| 0028 | Outside activity permit | €25.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc) | €99.61 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €46.59 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €0.00 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €0.00 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €21.28 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €0.00 |
| 0121 | Advertising | €220.00 |
| 0125 | Trenching permits | €16.31 |
| 4006 | Contractors guarantees | €349.50 |
| 4007 | Other refundable deposits (such as for Gita, staff dinner etc) | €0.00 |
| | **TOTAL** | **€5,172.90** |

B

**Lista ta' Purchase Orders - Marzu 2011 - Laqgħa Nru. 30**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 04/03/2011 | 3535 | Mdina Glass | Mementos for Carnival Dance/Song Companies x3 | €60.00 |
| 08/03/2011 | 3536 | Archway Ironmongery | Hammerite paint, sandpaper, brushes, plug - Triq l-Ghakkies | €156.15 |
| 08/03/2011 | 3537 | Archway Ironmongery | Cisa Padlocks, key cutting, ramel, zrar, fuses | €65.90 |
| 10/03/2011 | 3538 | Impressions Ltd. | A3 posters for Zumba Course 2011 | €59.00 |
| 11/03/2011 | 3539 | Archway Ironmongery | Gloves, rowbolts, xahx, broom & stick | €8.15 |
| 14/03/2011 | 3540 | Mdina Glass | Mementos for visitors, foreigners, etc complete with logo x5 | €115.00 |
| 14/03/2011 | 3541 | Archway Ironmongery | Varnish paint and methylated spirit | €14.78 |
| 14/03/2011 | 3542 | Yellow Pages | Weblink button | €29.74 |
| 28/03/2011 | 3543 | J & S Ironmongery | WD40, Cuprinol, Brushes - BIC | €36.96 |
| 28/03/2011 | 3544 | J & S Ironmongery | Ramel, Cement, kumenti, zrar, signal tape | €55.34 |
| 28/03/2011 | 3545 | Archway Ironmongery | Piano hinges, screws, drawer lock, zrar, ramel, cement | €28.29 |
| 29/03/2011 | 3546 | Paramount Garage | Transport to Isla 1/4/2011 | €94.40 |
| 29/03/2011 | 3547 | Paramount Garage | Transport to Valletta | €60.48 |
| 29/03/2011 | 3548 | Archway Ironmongery | Zrar, ramel, cement, padlock, bolts, nuts | €25.17 |
| 29/03/2011 | 3549 | Archway Ironmongery | Cement, ramel, kulur, mainhole cover, zrar | €22.10 |
| 29/03/2011 | 3550 | J & S Ironmongery | Zrar, ramel, black cement | €29.50 |
| 30/03/2011 | 3551a | J & S Ironmongery | black cement, ramel, zrar | €16.00 |

**Total:** **€876.96**